MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 1147/1983/1

**Louis Busuttil ghan-nom ta' Francis Busuttil & Sons Ltd**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. F'din il-kawza, is-socjeta` attrici qieghda sostanzjalment titlob refuzjoni minghand il-konvenut ta' somma flus li hija hallset taht protesta bhala dazju fuq

merkanzija li importat u li tallega li ma kellu jithallas ebda dazju fuqha.

2. Ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici taqra hekk:
“Billi l-atturi nomine fis-16 ta’ Gunju 1980, kienu impurtaw konsenja ta’ 776 kartuna ta’ “*Solid Pack Apples*” bil-vapur SS Nuova Ventura;

Billi b’ittra datata fl-4 ta’ Frar 1982, il-Kontrollur tad-Dwana ippretenda li jeleva fuq l-istess konsenja impurtata mill-atturi nomine s-somma ta’ elf mitejn u wiehed u erbghin Lira Maltija erbgha u tmenin centezmu u hames millezmi (Lm1,241.84,5) bhala dazju fuq l-istess u dan billi ppretenda li l-istess kienu adatti biex jittieklu;

Billi l-attur nomine ipprova jirrezisti dina l-pretenzjoni u hallas biss fis-6 ta’ Mejju 1983, taht protesta wara li l-konvenut kien ga ha passi ezekuttivi kontra tieghu;

U billi fuq il-konsenja fuq imsemmija ma kien hemm l-ebda dazju dovut u dan billi l-istess oggetti importati ma kienux adatti ghall-ikel u ghalhekk kienu ezenti mid-dazju ghax jaqghu taht in-nota ghall-*Heading* 20.06 u taht il-*Heading* 08.11 tat-Tariffa tad-Dwana;

U billi ghalkemm l-atturi nomine interpellaw il-konvenut b’ittra ufficjali tad-9 ta’ Mejju 1983, biex jirrifondilu d-dazju u spejjez minnu mhallsa taht protesta dan irrifjuta;

Jghid il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi minn din il-Qorti:

1. dikjarat li 776 kartuna “*Solid Pack Apples*” minnu impurtati mal-vapur SS Nuova Ventura fis-16 ta’ Gunju, 1980, ma kienux soggetti ghal dazju;

2. jigi konsegwentement ikkundannat jirrifondi lill-attur nomine s-somma ta’ elf mitejn u wiehed u erbghin lira Maltija erbgha u tmenin centezmu u sitt millezmi (Lm1,241.84,6) minnu indebitament imhallsa taht protesta bhala dazju fuq l-istess;

3. jigi kkundannat ihallas in linja ta’ danni l-imghax fuq l-istess mis-6 ta’ Mejju 1983, data tal-pagament minnu effettwat;

4. jigi kkundannat ihallas l-ispejjez ta’ dina l-kawza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Mejju, 1983.”

3. Il-konvenut ta s-segwenti eccezzjoni:-
“Illi t-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda billi l-oggetti li kien importa, u cioe` “*solid pack apples*” li semma fic-citazzjoni kienu fil-fatt adatti ghall-ikel u ghalhekk jaqghu taht l-intestatura 20.06B ta’ l-Ewwel Skeda ta’ l-Artikolu ta’ l-1976 Dwar id-Dazji ta’ Importazzjoni (Att XXV/1976) u ghalhekk hemm dazju ta’ 35% fuq l-oggett impurtat.”

4. L-ewwel Onorabbli Qorti innominat bhala Perit Tekniku lil Prof. Anthony Serracino Inglott sabiex bl-assistenza ta’ l-Avukat Dottor Paul Gauci Maistre jirrelataw dwar il-kwistjoni involuta fil-kawza. Dawn il-periti halfu r-relazzjoni taghhom, li kienet favorevoli ghat-tezi tas-socjeta` attrici, fit-2 ta’ Dicembru 1996.

5. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti u semghet lid-difensuri, tat is-sentenza taghha fit-13 ta’ Gunju 1997. Biha dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-konvenut u cahdet it-talbiet tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez, wara li kkonsidrat hekk:
“L-attur nomine kien importa f’Malta konsenja ta’ 776 kartuna ta’ “*Solid Pack Apples*” u l-konvenut eleva s-somma ta’ elf mitejn u wiehed u erbghin Lira erbgha u tmenin centezimu u hames millezmi (Lm1,241.84,5) bhala dazju billi ippretenda li l-istess konsenja importata kienet dazjabbli stante li kienet taqa’ taht l-intestatura 20.06B ta’ l-Ewwel Skeda ta’ l-Att Dwar id-Dazji ta’ Importazzjoni (Att XXV ta’ l-1976) ghaliex is-“*solid pack apples*” kienu adatti ghall-ikel.

L-attur ma qabilx ma’ dan u kien kostrett li jhallas dan id-dazju taht protesta. Huwa sostna li fuq din il-konsenja ma kien hemm l-ebda dazju dovut ghaliex l-oggetti importati ma kienux adatti ghall-ikel u, ghalhekk, kienu ezenti mill-

hlas tad-dazju ghaliex jaqghu taht in-‘nota’ ghall-*Heading* 10.06 u taht il-Heading 08.11 tat-Tariffa tad-Dwana.

Kjarament, ghalhekk u kif qalu l-periti gudizzjarji stess, il-kompitu tal-perit tekniku kien li jiddetermina jekk l-oggetti impurtati kienux adatti ghall-ikel jew le.  F’kaz li jikkonkludi li kienu hekk adatti, allura kienu jaqghu taht l-intestatura 20.06B ta’ l-Ewwel Skeda Dwar l-Importazzjoni (Att XXV ta’ l-1976) u, ghalhekk, soggetti ghad-dazju ta’ 35% rapprezentat mis-somma ta’ Lm1,241.84,5; mentri jekk jasal ghall-konkluzjoni li ma kienux adatti ghall-ikel u hekk jaqghu taht in-‘nota’ ghall-*Heading* 20.06 u taht il-*Heading* 08.11 tat-Tariffa tad-Dwana, allura dawn m’humiex dazjabbli.

Il-perit tekniku wasal ghall-konkluzjoni li dawn il-“*cooked apples*” setghu jittieklu immedjatament mil-landa u ma kienux ipprezervati bil-metodi msemmija fl-Att precitat, pero`, fil-fehma tieghu, mhux intiz biex jinxtara mill-mara tad-dar u jittiekel kif jinfetah izda hu intiz biex jintuza f’xi dolcerija jew biex jithallat ma’ xi tahlita tal-frott.

Il-periti, ghalhekk, ikomplu jargumentaw hekk:

“7.  F’dan il-kuntest, jekk wiehed jiehu nterpretazzjoni ferm ristretta allura ghandu jaqbel mat-tezi tal-konvenut ghaliex dawn il-*cooked apples* setghu jittieklu immedjatament mil-landa u ma kienux ipprezervati bil-metodi konvenzjonali msemmija fl-Att.

“8.  Pero`, bir-rispett kollu l-esponenti ma jhossux li jistghu jaqblu ma’ din it-tezi ghaliex huma tal-fehma li dik ma kenitx l-intenzjoni tal-Legislatur.  Wiehed ma jistax jinnega li llum sar hafna progress fil-mod kif jigu prezervati oggetti ta’ l-ikel.  Il-fatt illi l-ligi ma tbiddlitx ma jfissirx illi dawn il-metodi ma ghandhomx jigu interpretati bhala tali li jaqghu taht dik l-istess ligi kemm-il darba l-iskop kien l-istess.  In oltre, kif diga` gie rilevat, tezisti differenza bejn tuffieh li huwa lest biex jittiekel bhala dezerta u tuffieh li jirrikjedi process qabel ma jittiekel kif inhu l-kaz prezenti”.

Ghalhekk, huma jikkonkludu li t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu.

Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-konkluzjoni tal-periti hawn fuq riprodotta. Fil-fehma tal-Qorti, la darba l-konkluzjoni tal-perit tekniku kienet li t-tuffieh seta' jittiekel immedjatament u li ma kienx ipprezervat bil-metodi imsemmija fl-Att (*fruit preserved by sulphur dioxide gas, in brine, in sulphur water or in other presevaline solutions*) huwa ma kellu jaghmel xejn izjed hlief li jghid car u tond li l-merkanzija in kwistjoni ma taqax taht il-kategorija pretiza mill-attur izda taqa' taht dik pretiza mill-konvenut u, ghalhekk, hija dazjabbli bir-rata ta' 35% kif qieghed jippretendi l-konvenut.

Infatti, l-*heading* 8.11 ta' l-Att XXV ta' l-1976 jispecifika espressament li l-frott irid ikun "*provisionally preserved (for example, by Sulphur Dioxide, Gas in Brine, in Sulphur Water or in other presevaline solutions), but unsuitable in that state for immediate consumption*".

Issa, kif intqal, irrizulta li t-tuffieh ma kienx ipprezervat b'wiehed mill-metodi imsemmija u jirrizulta wkoll illi kien tajjeb biex jittiekel immedjatament. Dan hu bizzejjed biex jiskwalifikah mill-kategorija pretiza mill-attur nomine u allura, bir-rispett kollu lejn il-periti, huma ma kellhomx jigu nfluwenzati mill-konsiderazzjoni li dan it-tuffieh mhux intiz biex jinxtara mill-mara tad-dar izda hu intiz biex jintuza f'xi dolcerija jew biex jithallat ma' xi tahlita tal-frott.

Din l-ahhar konsiderazzjoni l-periti jibbazawha fuq id-daqs tal-landa. Jghidu li din hija ta' daqs relattivament kbir u, ghalhekk, mhux ser tinxtara mill-mara tad-dar. Pero`, kif sewwa jirrileva l-abbli difensur tal-konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, l-ligi titkellem biss dwar il-prodott u mhux dwar il-kwantita` li fiha jkun gie importat jew id-daqs tal-kontenituri li fihom tkun saret l-importazzjoni. Fi kliem iehor, il-kriterju tad-daqs tal-kontenitur biex ikollu rilevanza u biex jigi applikat irid ikun fil-ligi u la darba m'huwiex fil-ligi ma jistax jigi applikat.

Din il-Qorti, ghalhekk, hija tal-fehma li ma tistax tikkondividi l-konkluzjoni tal-periti li l-kwantita` ta' "*solid Pack Apples*" importata mill-attur nomine ma kenitx dazjabbli."

**II. L-APPELL**

6. Is-socjeta` attrici intavolat appell minn din is-sentenza fit-3 ta' Lulju 1997. Hija talbet li, ghar-ragunijiet indikati minnha, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u fi kliem testwali ta' l-appellant (sic!):-
"...u b'hekk tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-appellant tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom."

7. L-appellat, fir-risposta tieghu, sostna li s-sentenza kienet gusta – u dan ghar-ragunijiet indikati minnu fl-istess risposta – u ghalhekk kienet timmerita konferma.

**III. KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

8. L-appellant ghamel it-talba tieghu fir-rikors ta' l-appell b'mod skorrett, kif jidher car mill-kwotazzjoni li tinsab f'paragrafu 6 *supra*. L-appellat ma qajjem xejn dwar dana l-aspett u l-appellant lanqas talab li din il-Qorti tikkoncedi korrezzjoni. Din il-Qorti sejra tinjora dana l-incident, naxxenti evidentement minn "*lapsus calami*", ghaliex il-korp tar-rikors ta' l-appell huwa car bizzejjed u jindika ezattament l-iskop preciz tar-rikors ta' appell odjern.

9. It-tieni osservazzjoni tal-Qorti tirrigwarda l-fatt li f'dana l-istadju din il-Qorti regghet semghet ix-xhieda tal-Perit tekniku, l-Professur Anthony Serracino Inglott, ezattament fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2002. Fil-fehma tal-Qorti, din id-depozizzjoni iccarat ferm il-kwistjoni jekk is-"*solid pack apples*" importati mill-appellant kienux dazzjabbli jew le taht it-TN 20.06B ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni.

10. L-aggravju ta' l-appellant, huwa mfisser minnu hekk:-
"Illi l-kwistjoni fil-kawza ma kenitx wahda biex tiddetermina jekk il-prodott importat kienx adatt ghall-ikel jew le, izda biex jigi determinat jekk l-importazzjoni ta' dak l-istess prodott kienx dazzjabbli jew le.

Illi lanqas ma ssegwi l-pretensjoni li la darba l-prodott seta' jittiekel, ghalhekk kien dazzjabbli.

Illi l-Periti teknici kienu intitolati li jaslu ghall-konkluzjoni li waslu anke minhabba l-principju li ligijiet ta' natura fiskali ghandhom jigu interpretati b'mod li jagevola li dawk li jistghu jaqghu taht l-istess ligi fiskali, izda b'mod li ma jmurx kontra l-kelma tal-ligi.

Illi ghaldaqstant, il-konkluzjonijiet tal-Periti Teknici kienet wahda tajba kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt u ghalhekk bir-rispett kollu l-ewwel Onorabbli Qorti missa segwiet ir-rapport peritali."

11. L-appellat irrifera ghall-motivazzjoni tas-sentenza appellata, kif ukoll ghan-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu u zied jghid hekk fir-risposta ta' l-appell tieghu:
"Illi l-esponent jaqbel illi l-periti teknici interpretaw t-tariffa tad-dwana 'b'mod li jagevola lil dawk li jaqghu taht il-ligijiet fiskali' pero` jissottometti li huwa car illi l-istess periti agevolaw wisq 'lil min jaqa' taht il-ligijiet fiskali' fl-interpretazzjoni taghhom u spiccaw biex flok ma interpretaw il-ligi kitbu ligi gdida."

12. F'din il-kawza l-appellant sostna li l-merkanzija minnu importata, cioe` il-laned tat-tuffieh in kwistjoni, ma kienux jaqghu taht it-tariffa tad-dwana indikata fil-paragrafu 9 *supra* izda, invece ma kienux dazzjabbli, ghaliex, skond hu, il-klassifikazzjoni korretta taghhom kellha tkun taht it-TN 08.11 ta' l-istess l-Ewwel Skeda ta' l-imsemmi Att.

13. Pero` irrizulta li biex prodott jaqa' taht dik il-klassifika, l-istess prodott ghandu jkun "*provisionally preserved*" u "*unsuitable for immediate consumption*"

14. Issa mix-xhieda ta' l-espert tekniku rrizulta abbundantament li jekk wiehed jiftah landa tat-tuffieh in kwistjoni, wiehed seta' liberament jaqbad u jiekol immedjatament it-tuffieh ippakkjat fil-landa, minghajr il-bzonn ta' ebda preparazzjoni ohra. Il-Periti waslu ghall-konkluzjoni li l-prodott ma kienx intiz "*for immediate*

*consumption*" fuq il-kriterju tad-daqs tal-kontenitur u tal-prezentazzjoni tieghu.  L-espert tekniku zamm quddiem ghajnejh ukoll il-kriterju tal-mara tad-dar, fis-sens li dan il-prodott ma kienx intiz biex tixtrieh mara tad-dar.  Il-prodott kien *invece* intiz biex jinxtara minn "*caterers*" b'negozju kbir li setghu joffru it-tuffieh ghall-ikel, minghajr ebda processar ulterjuri, lill-klijenti taghhom u b'hekk jutilizzaw ghall-konsum immedjat il-prodott kollu appena tinfetah il-landa.  Il-prodott kien intiz ukoll biex jinxtara minn negozjanti ohra biex jerga jigi ippakkjat ghall-bejgh f'kontenituri izghar li jkunu mbaghad adatti biex jinxtraw mill-mara tad-dar.

15.  Mill-provi kollha prodotti, din il-Qorti jidhrilha li l-appell ghandu jigi michud ghaliex l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet il-klassifikazzjoni korretta tal-prodott importat mill-appellant, ghall-fini ta' l-impozizzjoni tad-dazju.  Din il-Qorti, bir-rispett kollu, ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-Periti nominati mill-ewwel Qorti, ghaliex dawn, minflok ma adottaw il-kriterji ta' l-interpretazzjoni litterali tad-dispozizzjoni in kwistjoni, addottaw interpretazzjoni bazata fuq kriterji li ma jissemmewx fil-ligi.  Din il-Qorti, ghalhekk, sejra tieqaf hawn ghaliex m'ghandha xejn izjed ta' utilita` u ta' rilevanza li ghandha zzid ma' l-osservazzjonijiet kontenuti fis-sentenza appellata.

16.  Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------